MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 203/2004

**Olta Aluminium Limited**

**vs**

**George Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u tmienja u sittin lira Maltin (Lm1,568) rapprezentanti self brevi manu lilu moghti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri legali tad-19 ta' Novembru, 2003 u tat-13 ta' Frar, 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sad-data tal-hlas eventwali kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 ta' Novembru, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------